MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 286/2005

**A B,**
**f' ismu proprju u bhala kuratur ad litem**
**ta' bintu minuri C D**
**vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Awwissu 1997, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla bl-isem ta' C D; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba adulterju, vjolenza, minacci, sevizzi u ngurji gravi da parti tal-konvenuta, kif ukoll minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li l-attur ottjena d-debita awtorizzazzjoni sabiex jippromwovi l-istanza odjerna; li ghalhekk il-konvenut ghandu jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex: [1] tippronunza s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba htijiet tal-konvenuta; [2]

takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri C D lill-attur; [3] tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u taqsamha bejn il-partijiet kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa; [4] tordna lill-konvenuta thalli d-dar matrimonjali u cioe’ l-fond ‘Meadow Lark’, Dimello Street, Zurrieq u tordna li fiha jghix l-attur ma’ bintu ad eskluzjoni tal-konvenuta.

Rat li l-konvenuta f’ din il-kawza baqghet kontumaci;

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tas-19 ta’ Ottubru 2006 li permezz tieghu din il-Qorti ordnat li l-kawza odjerna timxi kontestwalment mal-kawza numru 75/05NC fl-ismijiet inversi;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Stefano Filletti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali, tort tal-konvenuta ghal ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16;  kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha moghtija llum fil-kawza numru 75/05NC fl-ismijiet “E B vs A B” u taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet hemm maghmula u l-konkluzjonijiet raggjunti.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija primarja tal-attur, u dik sekondarja tal-konvenuta;
[2] tilqa’ t-tieni talba fis-sens gja deciz fil-kawza fuq indikata;

[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens gja deciz fil-kawza fuq indikata;
[4] tichad ir-raba’ talba;

L-ispejjez ikunu a kariku taz-zewg partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] a kariku ta’ l-attur, u r-rimanenti terz [1/3] jibqa’ a kariku ta’ l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------